MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 645/2011

**Raisa Newell a nom u in rappreżentanza tal-minuri Zyas Vella**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku u Stacy Vella għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi l-minuri Zyas Vella twieled fl-10 ta' Novembru 2008 (Dok A) u l-missier Stacy Vella rrikonoxxih mar-reġistrazzjoni;

Illi l-esponent kellha tarbija oħra u fil-futur bi ħsiebha tiżżewweġ u dejjem tuża l-kunjom xbubitha Newell.

B’hekk il-minuri Zyas se jkollu kunjom differenti ta’ Vella mingħajr il-kunjom Newell, bħal ħutu;

Illi huwa fl-interess tal-minuri li juża l-kunjom Newell biex iħossu bħala parti tal-familja u ma jkunx differenti minn ħutu;

Għaldaqstant, l-esponent titlob dina l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizża, a tenut tal-artikolu 92(6) tal-Kodiċi Ċivili illi ssir annotazzjoni maċ-Ċertifikat tat-Twelid 3968/2008, billi jiżdied il-kunjom Newell.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-23 ta’ Awissu 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminajrament jingħad li l-artikolu 92(6) invokat mir-rikorrenti nomine fir-rikors ġuramentat tagħha m’huwiex applikabbli *stante* li diversament mis-sitwazzjoni tal-kawża odjerna fejn it-tarbija ġiet rikonoxxuta mill-missier naturali mar-reġistrazzjoni, l-artikolu 92(6) japplika għal kull min b’konsegwenza tal-fatt li l-paternita’ ta’ persuna tkun ġiet magħrufa jew il-filjazzjoni ta’ persuna tkun ġiet dikjarata mill-Qorti, jew tkun saret tapplika l-preżunzjoni li t-tarbija kienet imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jkun se jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, li kieku *dato ma non concesso* kellu jiġi applikat l-artikolu 96(2), din l-Onorabbli ma għandhiex il-kompetenza *ratione materie* sabiex taqta’ u tiddeċiedi t-talbiet tar-rikorrenti *stante* li hekk kif kalendat fl-Artikolu 4 (a) tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta’ Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.19) kwistjonijiet pertinenti t-Titolu II ta’ l-Ewwel Ktieb tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li jirregola il-filjazzjoni għandhom jiġu ntavolati quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u mhux quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili;

3. Illi dejjem bla ħsara għas-suespost u fi kwalunkwe każ, jekk l-omm kellha x-xewqa li mal-kunjom tal-minuri Zyas jiżdied konjom xbubitha, hija kellha mal-avviż tat-twelid tindika dan permezz ta' dikjarazzjoni magħmula *ai termini* tal-artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni min-naħa tar-rikorrenti nomine wassal sabiex binha ħa l-kunjom tal-missier biss *ai termini* tal-artikolu 92(1) tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta.

4. *In finis*, mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 92 (6) *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal annotazzjoni fl-Att tat-Twelid meta jikkonkorru r-rekwiżiti ndikati f'dak l-artikolu.

Illi t-talba attriċi hija evidentement ġustifikata jekk tittieħed fis-sens li ssir annotazzjoni u mhux bdil fil-kunjom għaliex l-artikolu in kwistjoni jindika dan ċar.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talba attriċi u tawtorizza l-annotazzjoni mitluba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attriċi stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------